KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 58/7/194/19

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 58

*Il-Ħamis 28 ta' Marzu 2019*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu 2019. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.00pm.

**Preżenti:** Dominic Grima-*Sindku*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*
Tyrone Muscat-*Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Nicholas Seychell-Kunsillier
Ivan Bartolo-*Kunsillier*

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta’ apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Viċi Sindku Axisa u l-Kunsilliera Spiteri, Seychell u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta’ xogħol. Il-membri aċċettaw li huma ikunu skużati. Il-laqgħa setgħet tipproċedi bi tlett membri fid-dawl ta’ nuqqas ta’ kworum f’aktar minn żewġ laqgħat preċedenti skond il-provedimenti tal-Att 363 dwar il-Kunsilli Lokali.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 55, 56 u 57 ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Korrispondenza mingħand il-*Cross Cultural International Foundation* sabiex jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill is-Sibt 27 ta’ April. Il-membri approvaw. L-istess korrispondenza qed titlob permess għall-użu tal-pjazza għal Ġunju. Il-membri qablu li l-aħjar  din il-materja jara Kunsill ġdid li jkun elett wara l-elezzjoni ta’ Mejju.

3.2. Korrispondenza mingħand resident fejn qed iwassal ilment dwar l-ammont ta’ żvilupp li qed isir fil-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li huwa kien ikkomunika mar-resident fejn infurmah dwar il-limiti tar-responsabiltà tal-Kunsill. Il-membri iddiskutew dan l-ilment u tennew li l-Kunsill ma jistax iwaqqaf l-iżvilupp li jkun qed isir skond ir-regoli u l-proċeduri tal-Awtorità tal-Ippjanar però qablu li għanda tintbagħat korrispondenza lill-istess Awtorità sabiex titlob li jkunu sensittivi għall-valur kulturali u storiku tal-propjetajiet li jkunu mressqa quddiemhom sabiex jiġu żviluppati.

3.3. Talba għall-*un/loading bay* fi Triq Clarence viċin tal-ħanut tal-pastizzi. Il-membri qablu li l-każ għandu ikun investigat sabiex naraw in-numru ta’ ħwienet fl-akwata qabel titressaq il-proposta lil Transport Malta.

3.4. Korrispondenza mingħand it-TCTC sabiex isiru korsijiet għat-tfal fis-sajf marbuta mar-Robotica u l-informatika. Il-membri approvaw li isiru l-korsijiet kollha bl-ispiża tkun ta’ €2,000.

## 4. Laqgħa tal-Lokalita

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Laqgħa Annwali kienet sargħet kif skedata però l-attendenza kienet biss ta' persuna waħda u ma tressaq l-ebda ilment jew suġġeriment li jeħtieġ diskussjoni fil-laqgħa.

## 5. Skart Separat

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsill kien irċieva proposta waħda wara is-sejħa li kien ħareġ lill-iskemi li jiġbru l-iskart separat. Is-Segretarju ippreżenta din l-offerta lil membri u huma approvaw li l-offerta tingħata lill-unika applikant.

5.2. Is-Sindku irrimarka dwar l-ammont ta' skart li qed jitħalla barra l-kontenituri ta' Triq Fr. Charles Platter u jemmen li għandom isiru kameras mill-iskema. Il-membri qablu li jekk il-kameras ma jsirux il-kontenituri jitneħħew.

## 6. Offerti

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ rapporti tal-Evalwazzjoni tal-offerti numru 3/2018-*Road Markings and Signs* u 1/2019 *Contracts Manager*. Il-membri approvaw li jingħataw l-offerti skond dak li qed ikun ssuġġerit fir-rapporti ta' Evalwazzjoni.

## 7. Finanzi

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-baġits tal-Kunsill għas-sena 2019 li dawn għandom jitressqu fil-Kunsill wara il-laqgħa tal-Lokalita. Il-membri approvaw dan il-baġit.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku informa lil membri illi wara diskussjonijiet li kienu isiru mal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta, twaħħlu l-kameras tal-LESA fil-pjazza. Is-Sindku kompla illi kien hemm xi nuqqasijiet dwar kif kienu qed joperaw dawn il-kameras u infatti kien talab kjarifika lil LESA jekk vetturi jistgħux jipparkjaw fil-Keep Clear tal-Bank u fuq il-Bus Stop bil-lejl. Is-Sindku kompla wkoll li talab anke kjarifika jekk jistgħax l-ammont ta' ħin li persuna tista' tipparkja fl-spazju tal-*boarding/alighting* jiżdied għal madwar 10 minuti/ kwarta però risposti għal dawn il-mistoqsijiet kienu għadhom ma waslux. Is-Sindku ippropona u l-membri qablu li jekk dawn ir-risposti ma jaslux l-ispazju tal-*boarding/alighting* ta' fejn Main Street isir parkeġġ normali.

8.2. Is-Sindku informa lil membri illi fil-ġimgħa li ġejja ser ikun hawn fil-lokalita il-BonġuBus ta' Radju Malta.

8.3. Is-Sindku informa wkoll li sargħet laqgħa mal-Ministeru tal-Ambjent u t-tibdil fil-Klima fejn ingħatat informazzjoni dwar l-andament tal-ġbir tal-iskart organiku mill-lokalita. Fil-laqgħa fost l-oħrajn ġie diskuss ukoll kif qed isir l-infurzar min-naħa tal-Gvern Ċentrali b'dipartiment ġdid operat mill-ERA.

8.4. Is-Sindku informa lil membri illi beda ix-xogħol fuq pubblikazzjoni oħra ta' Leħen Paola li mistennija toħroġ lejn żmien l-Għid/tmiem il-leġislatura.

**9. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>**

9.1. Il-Kunsillier Lynch qal li l-attività tal-Karnival kienet tassew tajba.

**10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 58 għas-somma ta' €54,771.46.

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-5:35pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' April 2019.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 24 ta' April 2019.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |